MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2010

Talba Numru. 514/2009

**Mobisle Communications Limited**
**(C - 24655)**

**vs**

**O'Reilly's Ltd.**
**(C - 32558)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lis-socjeta' konvenuta l-hlas tas-somma ta' mitejn u wiehed u disghin Euro u tmien centezmi (€291.08), rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess socjeta' konvenuta lil Mobisle Communications Limited in rigward ghal servizzi lilha rezi mis-socjeta' attrici skont diversi kontijiet mibghuta lilha fuq kuntratt bin-numru 1010765 u dana fix-xhur ta' bejn is-sena 2007 u s-sena 2008.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-30 ta' Marzu, 2009, dawk tal-mandat ta' sekwestruipprezentat

kontestwalment ma dana l-att, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta illi giet ngunta in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.
Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' mitejn u wiehed u disghin Euro u tmien centezmi (€291.08), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------